# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.3

**Kap 4: Il-paċi sabiħa**

**Lezzjoni 4.3: Meta nkiser il-važun**

**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**

1. Jiġu konxji ta' dawk l-okkażżjonijiet meta ma jġibux ruħhom sew.
2. Jitgħallmu x'iġifieri tħalli madwarek sabiħ.
3. Jiddiskutu li l-anninali huma parti mill-ambjent u allura nieħdu ħsiebhom.
4. Jifhmu x'iridu jagħmlu meta jkissru s-sabiħ li hemm madwarhom.
5. Jirrevedu l-parabbola tal-iben il-ħali u jiddiskutu x'għamel dan biex kisser is-sabiħ u x'għamel biex jerġa' ġabu lura.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- vidjow tal-parabbola tal-Iben il-Ħali

  https://www.youtube.comwatch/?v=V96rkM5Gpn0

- Karta ta' taħriġ: 4.2

- video tad-diska Ejja nagħmlu festa

  https://www.youtube.com/watch?v=FEbON69aVdM

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjoni preċedenti. Agħmel enfasi fuq l-aspett li meta ma nagħmlux dak li hu sew, inkunu fid-dlam u inkunu fid-dawl meta nagħmlu dak li hu mitlub li nagħmlu.
- Staqsi lit-tfal x'iġib id-dlam.
- Spjega lit-tfal li huwa importanti li meta jiżbaljaw għandhom jitolbu maħfra lil min ikunu naqsu u maħfra oħra lil Alla.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri lit-tfal il-vidjow tal-parabbola tal-Iben il-Ħali.
- Staqsi lit-tfal x'jaħsbu li għamel ħażin l-iben iż-żgħir.
- Għid lit-tfal li kull meta nagħmu l-ħażin inkunu qed nitbiegħdu minn Alla u anke min-nies ta' madwarna għax niġġieldu.
- Staqsi x'għamel tajjeb l-iben iż-żgħir.
- Uri li biex nerġgħu nagħmlu ħbieb irridu nkunu aħna li nirrealizzaw li żbaljajna u nitolbu maħfra. Alla huwa bħal dak il-missier jilqagħna b'idejh miftuħin kull darba li nitolbu maħfra permezz tal-qrar.
- Staqsi lit-tfal biex jirrakkontaw xi esperjenzi minn tagħhom - kif iħossuhom meta jkunu żbaljaw u xi jħossu wara li jkunu talbu maħfra u qerrew.
- Għid lit-tfal li huwa importanti li anki huma jkunu lesti li jaħfru lil min jonqoshom ħalli jżommu l-paċi. Ħeġġeġ lit-tfal biex jikkumentaw u jiddiskutu dwar dan.

- Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.2.
- Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi oħloq diskussjoni dwar l-Attività 1.
- Agħti ċans lit-tfal ipinġu u qabel iddiskuti magħhom għaliex inkissru s-sabiħ meta nagħmlu l-ħażin kif nuri fil-kliem mogħti.
- Iddiskuti Attività 2 u ħalli lit-tfal jispjegaw huma s-sabiħ li joħroġ minn kull esperjenza li tidher fl-istampi.
- Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-fatt li meta ma nagħmlux dak li suppost u wkoll fil-ħin inkunu imdejqin.
- Biex torbot mal-lezzjoni li jmissek, staqsi lit-tfal kif jaħsbu li tiġi ċċelebrata l-maħfra f'reliġjonijiet oħra u kif jaħdmu għall-paċi nies li ġejjin minn kulturi differenti.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta nagħmel it-tajjeb jien qed ngħin biex madwari jkun hawn is-sabiħ.
2. Meta noħloq l-inkwiet inkun qed inkisser is-sabiħ ta' madwari.
3. Inkisser is-sabiħ meta niġġieled, nagħmel ta' rasi, nitgħażżen u ma ngħinx.
4. Meta nieħu ħsieb l-annimali li għandi nkun qed insebbaħ id-dar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jaħdmu biex l-ambjent tagħhom u ta' madwarhom ikun dejjem sabiħ.

It-tfal jaħdmu u jagħmlu sforz biex jagħmlu l-affarijiet f'ħinhom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta Ejja nagħmlu festa u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



## Nitolbu

O Mulej, aħfirli ta' kemm –il darba nqastek. Nitolbok, erġa' ħabbibni miegħek u ilqagħni lura fi ħdanek.

